## GWIDA tiffoka fuq ...

# Mister Fisherman



Pajjiżna tant hu żgħir li tkun fejn tkun, kif titla' naqra fil-għoli, bilfors li tara l-baħar. Minħabba f'hekk... Maġenb il-baħar huwa wieħed mill-aqwa postijiet fejn il-bniedem jirrilassa. Il-kalma tiegħu, il-qilla tiegħu u l-ilwien tiegħu skont il-ħin tal-ġurnata, huma kollha elementi li jsaħħruk.

Hawn ħafna li għalihom il-baħar huwa l-passatemp ewlieni ... permezz tas-sajd. Min jippreferi minn fuq l-art bil-qażba u min jippreferi joħroġ fuq xi dgħajsa biex jesplora l-ħut li jgħix bogħod mix-xtajta. L-esperti jgħidu li għall-fatt li għandna aktar baħar milli art fit-territorju tagħna aħna tassew nieklu ftit ħut. Huwa veru dan?

Il-programm Mister Fisherman, kif jixhed ismu, huwa programm dwar is-sajd għall-familja kollha. Għax għalkemm ħafna jaħsbu li s-sajd huwa passatemp għal min jirtira, huma ħafna li jsibu s-sajd bħala l-isbaħ rilassament wara x-xogħol jew fi tmiem il-ġimgħa.

Kif jgħid il-Malti, il-ħobż agħtih lil min jaf jieklu u dan il-programm huwa mmexxi minn bniedem li fix-xandir nistgħu nsejħulu awtorità f'dan il-qasam, Josef Camilleri minn Mister Fish. Josef jurina kemm hawn tipi ta' sajd differenti, it-teknika użata u t-tipi differenti ta' lixka apposta għal ħut differenti. Naraw x'differenza hemm bejn is-sajd minn fuq l-art għal dak minn fuq xi dgħajsa, il-bċejjeċ tal-baħar differenti li normalment insibu f'pajjiżna, kif tittieħed kura tagħhom u kif titħares is-sigurtà fuq il-baħar.

Waqt Mister Fisherman insegwu ħut diversi, kemm li jitkabbru fil-gaġeġ tal-fishfarm, kif ukoll dawk maqbuda mill-baħar u kif dawn jaslu fil-platt tagħna. Insiru nafu dwar il-vantaġġ li wieħed jiekol il-ħut. Wieħed irid jiftakar kemm insibu vantaġġi nutrittivi fil-ħut b'differenza minn ikel ieħor.

Nitkellmu dwar ħut tax-xewka, dak li jisserva sħiħ fil-platt kif ukoll dwar ħut kbir li jisserva bħala steakfish fil-platt. Naraw metodi differenti kif jissajjar il-ħut, kif ikun priservat u liema l-aħjar mod kif jisserva biex ingawduh kemm jista' jkun.

Rigward is-sajd bil-qasba mill-art, Mister Fisherman iwasslilna fi djarna l-isbaħ xeni naturali ta' maġenb il-baħar f'ħinijiet differenti tal-ġurnata u mal-lejl. Jgħinna napprezzaw aktar il-meravilja tal-ibħra u x-xtut u l-eċċitament kbir li joffri l-qbid ta' ħuta.

Il-programm għandu produzzjoni ta' Hermann Bonaci Productions filmkien ma' Josef Camilleri li jmexxi l-programm.

*Mister Fisherman jixxandar fuq TVM kull nhar ta' Ħadd fis-18:40 u fuq TVM2 it-Tlieta fis-14:15. Imbagħad ikun hemm ripetizzjonijiet l-Erbgħa fil-11:30 u l-Ħamis fil-22:45 fuq TVM u l-Ġimgħa fil-23:10 fuq TVM2.*

